MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 1113/2006/2

**Miriam Cremona u Joseph Muscat Manduca;**

**u b'dikriet tat-22 ta' Jannar 2013 il-kawża tkompliet**

**mill-attriċi u Maria Marlene Farley-Hills**

**wara l-mewt tal-attur l-ieħor**

**v.**

**Eucharist Bajada u martu Diana Bajada;**

**u b'dikriet tat-28 ta' Ottubru 2010 ssejħu fil-kawża Desmond Mizzi personalment u *Mizzi Antiques Limited***

1. Dan huwa appell tal-konvenuti Eucharist u Diana Bajada u appell ieħor tas-soċjetà msejħa fil-kawża *Mizzi Antiques Limited* minn sentenza mogħtija fil-15 ta' Novembru 2013 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li laqgħet talba tal-atturi biex tintraddilhom mejda proprjetà tagħhom li tinsab fil-pussess tal-konvenuti Bajada wara li kienet inbiegħet lil dawn mis-soċjetà *Mizzi Antiques Limited.*

2. L-atturi fetħu din il-kawża biex jirrevindikaw mejda antika mill-pussess tal-konvenuti Bajada u għamlu dawn it-talbiet:

> "1. Tiddikjara li l-mejda tas-seklu sbatax … … … li tinsab fil-pussess tal-konvenuti hija proprjetà tal-atturi.
>
> "2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jirritornaw lura l-pussess tal-mejda msemmija lill-atturi.
>
> "3. Tawtorizza lill-atturi sabiex bl-assistenza tal-uffiċjali eżekutivi jieħdu lura l-pussess tal-mejda minn kull minn fejn tista' tinsab."

3. Il-konvenuti Bajada ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> "1. Għandhom jissejħu fil-kawza Desmond Mizzi *u Mizzi Antiques Limited*, bħala l-persuni li bigħu l-mejda lill-konvenuti.

“2. L-attriċi ghandha tipprova t-titolu tagħha.

“3. L-attriċi għandha tipprova wkoll l-identità ta’ dik li tallega u tippretendi li hi proprjetà tagħha u li tinsab fil-pussess tal-konvenuti.

“4. In-nuqqas ta’ integrità tal-ġudizzju għaliex, minn dak li ddikjarat l-attriċi, is-sehem li seta’ kellha kien ta’ terz biss.

“5. Il-konvenuti akkwistaw *in buona fede* minghand persuna li kienet kompetenti li titrasferiha. Fil-fatt kien espona l-mejda f’wirja pubblika kif ukoll ippermetta li tiġi fotografata f’magazin pubbliku ta’ *Treasures of Malta* u pprova jbigħha f’irkant. Imbagħad kien irtiraha. Għalhekk fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi hi preskritta skond l-artikolu 2155(1) tal-Kodiċi Ċivili.

“6. Il-pussess *in buona fede* jammonta għal titolu u dan skond l-artikolu 558(1) tal-Kodiċi Ċivili.

“7. Il-konvenuti akkwistaw *in buona fede* u għalhekk japplika l-artikolu 559(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dwar dan qiegħda ssir riżerva espressa għal kull dritt ta’ azzjoni kontra l-atturi biex tindennizza lill-konvenuti.”

4. L-ewwel Qorti b’dikriet tal-14 ta’ Jannar 2010 ċaħdet it-talba magħmula fl-ewwel eċċezzjoni għas-sejħa fil-kawża ta’ Desmond Mizzi u *Mizzi Antiques Limited*. Il-konvenuti appellaw u b’sentenza tas-7 ta’ Mejju 2010 din il-Qorti ħassret id-dikriet tal-14 ta’ Jannar 2010. Imbagħad, b’dikriet tat-28 ta’ Ottubru 2010 Desmond Mizzi u *Mizzi Antiques Limited* issejħu fil-kawża u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

“1. Desmond Mizzi u *Mizzi Antiques* mhumiex leġittimi kontradituri għaliex ma għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-konvenuti f’din il-kawża. Is-sejħa fil-kawża hi superfluwa u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

“2. It-talbiet attriċi huma preskritti skond l-artikolu 2155(1) tal-Kodiċi Ċivili.

"3. It-talbiet attriċi ma jistgħu jintlaqgħu kontra l-ebda wieħed mill-imsejħin fil-kawża, peress li l-mejda m'hijiex fil-pussess tagħhom u lanqas kienet fil-pussess tagħhom fil-waqt tan-notifika tat-talba ġudizzjarja.

"4. L-atturi jridu jagħtu prova tat-titolu tagħhom fuq il-mejda in kwistjoni.

"5. L-imsejħin fil-kawża kienu akkwistaw il-mejda *in buona fede* u għalhekk japplika l-prinċipju sanċit fl-artikolu 558(1) tal-Kodiċi Ċivili."

5. L-ewwel Qorti mbagħad qatgħet il-kawża bis-sentenza tal-15 ta' Novembru 2013 li minnha sar dan l-appell.

6. L-ewwel Qorti hekk fissret il-fatti li wasslu għall-kawża u l-konsiderazzjonijiet li wassluha biex tilqa' t-talbiet tal-atturi:

"1. Il-każ jitratta dwar mejda antika li tinsab fil-pussess tal-konvenuti Bajada. Il-mejda kienet ġiet identifikata mill attriċi fis-seduta li kienet saret fit-2 ta' Marzu 2012 fir-residenza tal-konvenuti Bajada.

"2. Il-mejda kienet fil-fond *Bay View Cottage*, 64, Triq iż-Żonqor, Marsascala. Fond li kien ġie okkupat minn Louis Manduca, kuġin tal-atturi.

"3. Jirriżulta li Louis Manduca illegalment ħa l-pussess tal-imsemmi fond. Fil-fatt b'sentenza minn din il-qorti fil-kawża Marie Louise Muscat Inglott *et vs* Louis Manduca (712/1993) deċiża fit-28 ta' Ġunju 1999, il-qorti kienet laqgħet it-talbiet tal-atturi u ddikjarat li l-konvenut kien wettaq spoll meta ħa pussess tal-fond u kkundannatu jiżgombra minn ġewwa l-fond. Sentenza li ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-13 ta' Marzu 2001. Eventwalment ġie żgumbrat mill-fond wara l-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament numru 11/2003.

"4. Jirriżulta li fis-17 ta' Jannar 2003 l-attriċi kienet għamlet rapport lill-pulizija li kienu naqsu diversi oġġetti, fosthom il-mejda in kwistjoni ... ... ... F'ittra legali datata 17 ta' Jannar, l-atturi elenkaw il-mobbli li kien hemm fil-fond u li ma sabux wara li Louis Manduca ġie żgumbrat. Il-mejda in kwistjoni hi deskritta

bhala: *“(9) Antique ‘Mensola’/rectangular salon centre-table with a gilded walnut base and scrolled legs, joined by a cross-stretcher ending with an acorn-shaped finial, with top made Maltese ‘żonqor’ and inlaid with various precious marbles with a reserve central area showing a Maltese cross inlaid in an oval medallion*”.

“5. Louis Manduca kien bigħ il-mejda lil *Mizzi Antiques Limited* għall-prezz ta’ Lm2,500.

“6. *Mizzi Antiques Limited* kienet bigħet il-mejda lill-konvenut Bajada għall-prezz ta’ Lm6,000.

“L-attriċi xehdet *viva voce* fis-seduta tat-2 ta’ Marzu 2012 u qalet li:-

“• il-mejda li rat fir-residenza tal-konjuġi Bajada hi dik oġġett tal-kawża u li kienet fil-fond *Bay View Cottage*, 64, Triq iż-Żonqor, Marsacala fejn kienet tgħix zitha Frances Manduca.

“• Il-mejda kienet fin-nofs f’kamra kbira fis-sular ta’ fuq.

“• Meta Louis Manduca ġie żgumbrat mill-fond, il-mejda ma kenitx hemm; “[...] jien, ħija u ibni dħalna ġod-dar u kull ma sibna kienet dar vojta mimlija ħmieġ. Kien hemm plattin tal-enamel imxellef u wirdien igħum fiha”.

“• Kienet irrabjat ma’ ħuha Joseph li ma kienx battal id-dar qabel mietet Frances.

“• Frances Manduca mietet fit-13 ta’ Marzu 1993 u fit-13 ta’ Mejju 1993 ċemplitilha ommha u qaltilha li Louis Manduca kien okkupa d-dar.

“• Lill-pulizija kienet tathom lista sħiħa ta’ oġġetti li kienu *f’Bay View Cottage*.

“• Il-mejda dejjem tiftakarha għand iz-zija Frances: “[...] anke meta kont għadni tifla żgħira niftakara fid-dar ta’ tas-Sliema fejn kienet tgħix iz-zija Frances. Fid-dar ta’ tas-Sliema kienu jgħixu in-nannu u anke Frances”.

“<u>Leġittimu kontradittur</u>.

“Ma jirriżultax li l-konvenut Desmond Mizzi għamel xi negozju mal-konjuġi Bajada, u mill-provi jidher li kienet *Mizzi Antiques Limited* li bigħet il-mejda lil Bajada.

“Għalhekk Desmond Mizzi ser jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

"Fir-rigward ta' Mizzi *Antiques Limited*, il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tas-7 ta' Mejju 2010 osservat li:-

> ""Skond l-artikoli 1409 u 1411 tal-Kodiċi Ċivili, bejjigħ ta' oġġett jagħmel tajjeb lix-xerrej għall-evizzjoni li ttellfu l-ħaġa mibjugħa, u għandu jrodd lura l-prezz anke jekk ikun miftiehem li l-venditur ma jkunx qed jagħti garanzija ta' paċifiku pussess. Issa, skond l-artikolu 1422 tal-istess Kodiċi, il-bejjigħ jinħeles minn kull responsabbiltà taħt il-garanzija 'jekk ix-xerrej ikun ħalla li jiġi kkundannat b'sentenza li għaddiet f'ġudikat mingħajr ma sejjaħ fil-kawża lill-bejjigħ, meta dan jipprova li seta' jġib 'il quddiem raġunijiet biżżejjed, illi x-xerrej ma ġiebx, u illi bihom it-talba ġudizzjarja kienet tiġi miċħuda.'
>
> ""Kwindi, meta kontra xerrej titressaq kawża għar-radd lura tal-oġġett mixtri, dan ix-xerrej għandu interess qawwi mhux li jsejjaħ lill-venditur bħala xhud biex jiddefendi t-titolu tiegħu, iżda li effettivament issejjaħlu fil-kawża, biex jekk ix-xerrej ikun kostrett jikkonsenja l-oġġett lill-atturi, il-vendituri ma jkollhomx skuża u jkollhom, tal-anqas, iroddu lura l-prezz imħallas."

"Fil-fehma tal-qorti t-tweġiba għall-ewwel eċċezzjoni tal-imsejħin fil-kawża hu f'dan il-bran mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

"<u>Proprjetà</u>.

"L-atturi taw prova sodisfaċenti li l-mejda in kwistjoni kienet tinsab fil-fond *Bay View Cottage*, 64, Triq iż-Żonqor, Marsascala. Fil-fatt kienet fil-pussess ta' Frances Manduca, iz-zija tagħhom, li mietet xebba fit-13 ta' Marzu 1993. F'dan ir-rigward:-

"i. Il-mejda tissemma fil-mandat ta' deskrizzjoni numru 536/81 fl-ismijiet <u>Louis Manduca *vs* Frances Manduca</u> li ġie eżegwit fil-fond 56 (illum 64), Triq Żonqor, Marsascala;

"ii. L-attriċi stess ikkonfermat li l-mejda kienet fil-pussess taz-zija Frances Manduca. Fatt li m'huwiex kontradett minn xi prova oħra.

"Hu minnu li ma nġiebet l-ebda prova dokumentarja ta' titolu li Frances Manduca seta' kellha fuq il-mejda. Però japplika wkoll il-prinċipju stabbilit fl-artikolu 558 tal-Kodiċi Ċivili, ċjoè li *possession vaut titre*. Għalkemm jista' jkun li Louis Manduca kien qiegħed jippretendi xi jeddijiet fuq il-mejda, m'hemmx prova li l-mejda kienet proprjetà tiegħu. Irriżulta kif Louis Manduca okkupa illegalment il-fond *Bay View Cottage*. Hu evidenti li meta ġie żgumbrat ħa l-mejda għall-vantaġġ personali tiegħu, tant li bigħha lil *Mizzi Antiques Limited*.

"Il-werrieta ta' Frances Manduca kienet oħtha, Marie-Louise, omm l-atturi. L-omm mietet fit-2 ta' Jannar 1997 u wirtuha l-atturi u oħthom Marlene Farley Hills.

"Għalhekk il-qorti hi tal-fehma li l-atturi taw prova tal-proprjetà tal-mejda. … ... ...

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imsejħin fil-kawża sar ukoll l-argument li l-mejda ma ġietx dikjarata fid-denunzja tal-predeċessuri tal-atturi. Fir-rigward ta' omm l-atturi ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jiġu dikjarati l-mobbli li ħalliet fil-wirt, ġaldarba li fid-data tal-mewt tagħha l-liġi kienet ilha s-snin li nbidlet. Fir-rigward ta' Frances Manduca ma ġiet preżentata l-ebda denunzja tagħha, u għalhekk mhux magħruf. *Inoltre*, hi l-fehma tal-qorti li irrispettivament ta' x'ġara, tali ċirkostanza anke jekk veru ma tegħlibx dak li ngħad hawn fuq.

"L-imsejħin fil-kawża argumentaw ukoll li l-atturi ma jistgħux jieħdu benefiċċju minn dak li jgħid l-artikolu 559 tal-Kodiċi Ċivili peress li dan japplika għal "dak li jkun tilef il-ħaġa jew li jkun ġie misruq minnha". Tali persuna ma hijiex l-attriċi għaliex l-attriċi ma tilfet u ma nsterqilha xejn. Tali persuna li semmai ġiet misruqa hija ommha li fi kliem l-attriċi stess kienet iddeċidiet li ma tipproċedix. L-imsejħin fil-kawża qegħdin jinsew li omm l-atturi mietet fit-2 ta' Janar 1997 waqt li kienet għadha pendenti l-kawża ta' spoll fir-rigward tal-fond fejn kienet tinsab il-mejda, u sa dak iż-żmien m'hemmx dubju li kienet għadha fil-pussess ta' Luis Manduca wara li daħal fil-fond u okkupah illegalment.

"Għal kull buon fini l-qorti tosserva wkoll li sabiex tirnexxi din it-tip ta' azzjoni m'huwiex meħtieġ li l-werrieta kollha jkunu parti. Kull wieħed minnhom għandu dritt li jipproponi kawża biex jirkupra l-pussess ta' mobbli li jkun intilef jew insteraq.

"_*Buona Fede*_.

"Il-konjuġi Bajada jsostnu li meta xtraw il-mejda kienu *in buona fede*. .... .. ...

"Il-qorti hi tal-fehma li l-atturi ma ressqux provi li l-konjuġi Bajada kienu *in mala fede* meta xtraw il-mejda ... ... ...

"_Preskrizzjoni_.

"Il-konvenuti u l-imsejħin fil-kawża invokaw il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2155(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:-

> ""L-azzjoni biex wieħed jieħu lura mingħand terza persuna l-ħaġa mobbli mitlufa, jew misruqa, meta hemm jedd għal din l-azzjoni taħt l-artikolu 559, taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn, jekk it-terz ikun irċieva l-ħaġa b'bona fidi".

"Fis-sitt eċċezzjoni l-konvenut Bajada invoka "preskrizzjoni akkwiżittiva tas-sentejn". L-istess argumentaw l-imsejħin fil-kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet.

"L-imsejħin fil-kawża għamlu riferenza għan-noti tal-Professur V. Caruana Galizia li kiteb: "*Regard being had to its result, however, the said prescription is acquisitive, since the extinction of the owner's right to recover his thing implies its acquisition by a third person*".

"M'hemmx dubju li l-artikolu 2155(1) qiegħed jikkontempla t-telfien ta' jedd ta' azzjoni. Provvediment li qiegħed f'dik il-parti tal-Kodiċi Ċivili li jitratta dwar preskrizzjoni estintiva, ċjoè t-telfien ta' jedd ta' azzjoni.

"Fil-fehma tal-qorti l-interpretazzjoni korretta hi li l-estinzjoni tal-jedd ta' azzjoni tas-sid sabiex jirkupra l-pussess tal-mobbli bit-trapass ta' sentejn twassal sabiex min-naħa l-oħra b'mod indirett it-terz jakkwista l-proprjetà bil-preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni akkwiżittiva hi biss effett tal-fatt li s-sid ikun tilef il-jedd li jipproponi kawża sabiex jirkupra l-pussess tal-mobbli minħabba l-preskrizzjoni estintiva.

"Miriam Cremona qalet li saret taf fejn kienet il-mejda l-Ħadd 3 ta' Diċembru 2006 meta marret għal *viewing* tal-oġġetti li *Belgravia* kienet ser tbigħ f'irkant. Fatt li m'huwiex kontradett minn xi prova oħra. Il-kawża ġiet preżentata fl-14 ta' Diċembru 2006. M'hemmx prova li l-atturi kienu, qabel it-3 ta' Diċembru 2006, jafu li l-mejda qiegħda fil-pussess ta' Bajada. Għalhekk ma kienx possibbli għalihom li jippre-żentaw il-kawża qabel it-3 ta' Diċembru 2006. Hu minnu li l-atturi setgħu, wara li fis-16 ta' Jannar 2003 daħlu fil-fond u sabuh vojt, ħadu passi ġudizzjarji kontra l-konjuġi Bajada. Però rriżulta li Manduca kien bigħ il-mejda fit-30 ta' Ottubru 2000, ċjoè fi żmien meta s-sidien ma kellhomx aċċess għal ġewwa d-dar. Irriżulta wkoll li Bajada xtraw il-mejda lejn l-aħħar ta' dik is-sena. Ċertament ħadd ma jista' jippretendi li s-sidien setgħu jkunu jafu b'dak li kien għamel Louis Manduca minn wara darhom. Għalhekk qabel it-3 ta' Diċembru 2006, meta l-attriċi rat il-mejda u saret taf b'dak kollu li ġara, il-preskrizzjoni kienet għadha ma bdietx tiddekorri. Jissemma wkoll kif, għalkemm l-atturi talbu għall-intervent tal-pulizija sabiex tigi rintraċċata l-mejda, ġew infurmati li din kienet materja ċivili u għalhekk ma kinux ser jintervjenu. Skond l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni tiddekorri minn meta l-atturi jistgħu jeżerċitaw l-azzjoni. L-azzjoni kontra t-terz (Bajada) ma setatx issir qabel l-atturi saru jafu li l-mejda spiċċat għand il-konjuġi Bajda.

"Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tigi miċhuda."

7. Wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel Qorti iddeċidiet hekk:

"Għal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeċiedi billi:-

"1. Dwar l-eċċezzjonijiet tal-konjuġi Bajada:-

“i. tiddikjara li l-ewwel eċċezzjoni ġiet eżawrita ... ... ...;

“ii. b’riferenza għat-tieni eċċezzjoni tiddikjara li l-atturi taw prova li huma sidien tal-mejda oġġett tal-kawża;

“iii. b’riferenza għat-tielet eċċezzjoni tiddikjara li l-attriċi identifikat il-mejda li qiegħda fil-pussess tal- konvenuti Bajada;

“iv. tiċħad ir-raba’ eċċezzjoni;

“v. tilqa’ l-ħames eċċezzjoni fis-sens li l-konjuġi Bajada xtraw il-mejda *in buona fede*, b’dan li tiċħad l-istess fejn tissemma l-preskrizzjoni;

“vi. tiċħad is-sitt eċċezzjoni;

“vii. tilqa’ s-seba’ eċċezzjoni.

“2. Dwar l-eċċezzjonijiet tal-imsejħin fil-kawża Desmond Mizzi *et*:-

“i. tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni u tillibera lil Desmond Mizzi mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward;

“ii. tiċħad it-tieni eċċezzjoni;

“iii. b’riferenza għat-tielet eċċezzjoni filwaqt li tikkonferma li t-talbiet kif proposti huma indirizzati fil-konfront tal-konjuġi Bajada, tiddikjara li *Mizzi Antiques Limited* hi leġittima kontradittriċi għar-raġunijiet li jissemmew fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta’ Mejju 2010;

“iv. b’riferenza għar-raba’ eċċezzjoni tiddikjara li l-atturi taw prova li huma sidien tal-mejda oġġett tal-kawża;

“v. tilqa’ l-ħames eċċezzjoni, b’dan li għall-finijiet ta’ din il-kawża dan il-fatt ma jista’ jkollu l-ebda konsegwenza fuq l-eżitu ta’ din il-kawża; u

“3. Tilqa’ l-ewwel talba.

“4. Tirriżerva li tiddeċiedi dwar it-tieni u tielet talba wara li tisma’ x’għandhom xi jgħidu l-partijiet dwar l-indennizz li huma intitolati jirċievu l-konjuġi Bajada.

“Spejjeż ta’ din is-sentenza a karigu tal-konvenuti u kumpannija msejħa fil-kawża ġaladarba fl-eċċezzjonijiet kienu qegħdin jikkontestaw id-dritt tal-atturi li jieħdu lura l-mejda. Spejjeż tal-imsejjaħ fil-kawża Desmond Mizzi a karigu ta’ dik il-parti li talbet li jissejjaħ fil-kawża.”

8. Wara li b'dikriet tas-27 ta' Jannar 2014 ingħataw fakoltà jagħmlu hekk għal dak li jgħid u jrid l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konvenuti Bajada appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-14 ta' Frar 2014, li għalih wieġbu l-atturi fis-7 ta' Marzu 2014 u *Mizzi Antiques Limited* fil-11 ta' Marzu 2014. Appellat ukoll, bla ma talbet u ngħatat fakoltà tagħmel hekk, *Mizzi Antiques Limited* b'rikors tad-29 ta' Novembru 2013 u għal dan ir-rikors l-atturi wieġbu fit-13 ta' Marzu 2014.

9. Dwar l-appell ta' *Mizzi Antiques Limited* il-qorti tosserva illi l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> "**231.** (1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:
>
> "Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ."

10. Din hija disposizzjoni ta' ordni pubbliku u n-nullità tal-appell tista' u għandha tiġi dikjarata mill-qorti *ex ufficio* ukoll jekk il-parti l-oħra ma tressaqx l-eċċezzjoni relattiva. Għalhekk, billi appell minn sentenza separata jista' jsir *biss* bil-permess tal-ewwel Qorti, u *Mizzi Antiques*

*Limited* ma talbitx u ma ngħatatx dak il-premess, l-appell ma setax isir u l-qorti sejra tiddikjarah null.

11. Ngħaddu għalhekk biex inqisu l-appell tal-konvenuti Bajada. L-aggravju ta' dawn huwa illi l-atturi ma għamlux il-prova li trid il-liġi illi l-mejda li qegħdin jirrevindikaw hija tassew tagħhom. L-appellanti ma humiex qegħdin jikkontestaw illi l-mejda li dwarha saret il-kawża hija tassew dik li kienet fil-post fejn kienet toqgħod Frances Manduca, u lanqas illi Frances Manduca hija awtriċi tal-atturi. Qegħdin igħidu iżda illi ma saritx prova illi l-mejda kienet ta' Frances Manduca u illi ma saritx il-prova li trid il-liġi illi t-trasmissjoni tal-mejda bil-mewt ta' Frances Manduca kienet ġiet denunzjata għall-għanijiet tal-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni. Komplew fissru dan l-aggravju hekk:

> "Filwaqt illi nġiebet prova li l-mejda b'deskrizzjoni simili għal dik *de quo* kienet tinsab fil-fond appartenenti lil Frances Manduca (iz-zija tal-atturi) bl-indirizz 56, Triq Żonqor, Marsaskala meta din ġiet imniżżla fil-mandat ta' deskrizzioni numru 536/81 fl-ismijiet <u>Louis Manduca *vs* Frances Manduca</u>, liema mandat ġie esegwit fil-fond suriferit, l-ewwel qorti straħet ukoll fuq id-dikjarazzjoni tal-attriċi stess li kkonfermat li l-mejda kienet fil-pussess taz-zija tagħha Frances Manduca.
>
> "Il-fatt illi l-mejda in kwistjoni kienet tinsab ġewwa l-fond appartenenti lil Frances Manduca meta nħareġ il-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 536/81 (liema mandat inħareġ wara l-mewt tal-istess Frances Manduca) bl-ebda mod ma jista' jitqies illi dik l-istess mejda kienet tassew tinsab fil-pussess ta' Frances Manduca qabel din mietet u li b'hekk jagħtiha titolu fuq l-istess mobbli *ai termini* tal-artikolu 558 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ikkonkludiet l-ewwel qorti. *Inoltre*, l-appellanti esponenti ma jistgħux jifhmu kif is-sempliċi dikjarazzjoni tal-atturi stess li qed jippromwovu din il-kawza fis-sens illi l-mejda in kwistjoni kienet fil-pussess tal-istess Frances Manduca tista' titqies bħala prova sodisfaċenti u konklusiva tal-pussess u sussegwentement titolu li kellha Frances Manduca fuq il-mejda *de quo* meta din ma ġietx ikkorroborata bi provi oħra f'dan is-sens.

"Ġaladarba l-pern tal-kwistjoni huwa min għandu titolu fuq il-mejda in kwistjoni, l-iktar provi ta' importanza fil-kawża odjerna huma dawk li jikkonfermaw min tassew għandu titolu fuq l-imsemmija mejda. Il-ħtieġa li titressaq prova sodifaċenti tat-titolu tal-atturi tal-mejda *de quo* hija ferm ikbar fid-dawl tal-fatt illi Louis Manduca li fil-fatt bigħ l-isress mejda kien jippretendi xi jeddijiet fuqha iżda dawn il-jeddijiet ma ġewx rikonoxxuti *stante* n-nuqqas ta' prova li l-mejda kienet proprjetà tiegħu. Fid-dawl ta' dan, jekk l-atturi wkoll jonqsu milli jġibu prova li l-mejda hi proprjetà tagħhom, l-anqas ma tista l-ewwel qorti tasal għal konklużjoni li l-atturi huma tassew il-proprjetarji.

"Osservazzjoni oħra tal-ewwel qorti hija dik illi fir-rigward ta' Frances Manduca ma ġiet preżentata l-ebda denunzja u għalhekk mhux magħruf jekk il-mejda *de quo* ġietx dikjarata. Dan ikompli jsaħħaħ l-argument li l-esponenti umilment qegħdin iressqu f'dan l-appell illi ma tressqitx prova sodisfaċenti tat-titolu tal-atturi fuq il-mejda li huma qed jippremettu illi għandhom.

"Fil-fehma umli tal-esponenti l-provi mressqa mill-atturi f'dan ir-rigward mhumiex provi sodisfaċenti li jippruvaw b'mod konklussiv it-titolu ta' proprjetà li qegħdin jippremettu li għandhom l-atturi fil-kawża odjerna. Fil-fatt, l-ewwel qorti stqarreti illi 'Hu minnu li ma nġiebet l-ebda prova dokumentarja ta' titolu li Frances Manduca seta' kellha fuq il-mejda'.

"Madankollu, l-ewwel qorti xorta sabet li l-imsemmija Frances Manduca kellha titolu fuq il-mejda in kwistjoni permezz tal-applikazzjoni tal-artikolu 558 tal-Kodiċi Ċivili, *cioè* li *possession vaut titre*, li jipprovdi:

> ""**558**. (1) Għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli minnhom infishom, jew titoli għall-purtatur, il-pussess għandu, favur it-terzi ta' bona fidi, l-effett stess tat-titolu ... ... ..."

"F'dan ir-rigward, l-esponenti tagħmel referenza għar-regola ġenerali fil-liġi proċedurali Maltija *ai termini* tal-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta suriferita fis-sens illi l-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib. Fid-dawl ta' dan, fil-fehma umli tal-esponenti l-provi li tressqu ċertament mhumiex l-aħjar prova li tista' titressaq sabiex jiġi ppruvat titolu fuq mobbli.

"Essenzjalment, id-dikjarazzjoni tal-atturi stess u l-applikabbilità tal-artikolu 558 tal-Kap. 16 ikkostitwixxa l-qofol li fuqu straħet l-ewwel qorti meta laqgħet l-ewwel talba tal-atturi: l-atturi ma ressqux it-talba tagħhom abbażi tal-imsemmi artikolu 558 u wisq anqas ma ressqu prova f'dan is-sens: kienet l-ewwel qorti li għamlet din id-difiża a benefiċċju tal-atturi."

12. Huwa minnu illi l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-atturi u huwa minnu wkoll illi għandha ssir l-aħjar prova, iżda l-aħjar prova hija dik li tista’ ssir fiċ-ċirkostanzi u mhux l-aħjar prova li tista’ ssir bl-aktar mod assolut. Meta tqis illi l-oġġett tal-kawża huwa mejda tas-seklu XVII ma huwiex raġonevoli li tistenna illi l-atturi jkollhom f’idejhom xi “prova dokumentarja” dwar il-provenjenza tal-mejda.

13. Barra minn hekk, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, il-pussess *in bona fide* huwa prova biżżejjed tat-titolu għal ħwejjeġ mobbli. Il-konvenuti appellanti jgħidu illi ma saritx prova li Frances Manduca, awtriċi tal-atturi, kellha l-pussess tal-mejda għax igħidu illi l-mandat ta’ deskrizzjoni 536/81 – li juri illi l-medja kienet fil-post f’Marsascala fejn kienet toqgħod Frances Manduca – inħareġ wara l-mewt tagħha, u hekk jidher illi jridu jgħidu illi jista’ jkun il-każ illi l-mejda ttieħdet hemm minn Louis Manduca wara li dan b’att ta’ spoll daħal fil-fond. Fil-verità, iżda, il-mandat ta’ deskrizzjoni kien esegwit fit-18 ta’ Ġunju 1981[1], sew qabel il-mewt ta’ Frances Manduca, li ġiet nieqsa fit-13 ta’ Marzu 1993, u għalhekk tassew hemm prova illi l-mejda kienet fil-pussess tagħha.

14. Ukoll, ma ntweriet ebda raġuni għala ma għandhiex titwemmen l-attriċi Miriam Cremona meta din xehdet illi kienet tara din il-mejda fid-dar ta’ Frances Manduca.

1 *Fol.* 49 tal-proċess tal-ewwel qorti.

15. Meta tqis għalhekk illi saret prova tajba u biżżejjed illi l-mejda kienet fil-pussess tal-awtriċi tal-atturi u ma saret ebda prova li tegħleb il-presunzjoni ta’ *bona fides* taħt l-art. 532 tal-Kodiċi Ċivili, din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi saret prova tajba tat-titolu tal-atturi taħt l-art. 558 tal-Kodiċi Ċivili.

16. Lanqas ma kien meħtieġ, kif iridu jgħidu l-konvenuti, illi l-atturi iressqu “t-talba tagħhom abbażi tal-imsemmi artikolu 558”. L-atturi ma setgħux isejsu t-talba tagħhom fuq l-art. 558 għax fil-waqt li fetħu l-kawża ma kellhomx il-pussess; il-kawża anzi għamluha biex jiksbu lura l-pussess. Dan ma jfissirx illi ma setgħux jistrieħu fuq dak l-artikolu biex jagħmlu l-prova tat-titolu tagħhom wara li dan ġie kontestat mill-konvenuti.

17. L-aggravju dwar nuqqas ta’ prova ta’ titolu huwa għalhekk miċħud.

18. Fadal l-aggravju dwar nuqqas ta’ prova ta’ denunzja għall-għanijiet tat-taxxa tal-mewt. Taħt l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni [Kap. 239] it-trasmissjoni b’mewt ta’ ħwejjeġ mobbli kienet taxxabbli, għalkemm illum, taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti [Kap. 364] li issa jirregola l-materja, ma għadhiex. L-art. 1(2) tal-Att tal-1993 li jħassar l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni [Att XVI tal-1993] jgħid illi l-Kap. 239 ma baqax fis-seħħ dwar trasmissjonijiet li ġraw wara l-25 ta’ Novembru 1992. Frances Manduca ġiet nieqsa fit-

13 ta’ Marzu 1993, meta l-Kap. 239 ma kienx għadu fis-seħħ u għalhekk ma baqgħetx meħtieġa d-denunzja dwar il-mejda.

19. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-konvenuti Bajada u ma tqisx l-appell tas-soċjeta *Mizzi Antiques Limited* billi dak l-appell ma jiswiex, bla ħsara għall-jedd tal-istess soċjetà li tappella wara s-sentenza finali taħt l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-konvenuti appellanti Bajada għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-appell tagħhom waqt illi s-soċjetà *Mizzi Antiques Limited* għandha tħallas l-ispejjeż kollha tal-appell tagħha. L-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------